



2021/2146(DEC)

18.1.2022

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2020
(2021/2146(DEC))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Tomáš Zdechovský

WERREJ

	Paġna
1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	7

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2020 (2021/2146(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2020,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2020, flimkien mar-risposti tal-aġenziji¹,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni² dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2020, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' [...] 2022 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020 (00000/2022 – C9-0000/2022),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012³, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 116 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE,

¹ ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3. Rapport annwali tal-QEA dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2020: <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=59697>.

² ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3. Rapport annwali tal-QEA dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2020: <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=59697>.

³ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁴ ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 105 tiegħu,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2022),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020 / Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

⁵ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2020 (2021/2146(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2020,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2020, flimkien mar-risposti tal-aġenziji¹,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni² dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2020, skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' [...] 2022 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020 (00000/2022 – C9-0000/2022),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012³, u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 116 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, u b'mod partikolari l-

¹ ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3. Rapport annwali tal-QEA dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2020: <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=59697>.

² ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3. Rapport annwali tal-QEA dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2020: <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=59697>.

³ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁴ ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

⁵ ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

Artikolu 105 tiegħu,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2022),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2020 / Jipposponi l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2020;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2020 (2021/2146(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2020,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2022),
- A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u tan-nefqa tagħha¹, il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2020 kien ta' EUR 364 432 655, li jirrappreżenta żieda ta' 10,40 % meta mqabbel ma' dak tal-2019; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020 (ir-"rapport tal-Qorti"), issostni li għandha fil-pussess tagħha aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;
- C. billi, minn Diċembru 2019, l-Aġenzija bdiet timplimenta mandat ġdid b'żieda essenzjali li hija sinifikanti f'termini ta' missjonijiet u persunal, li tirrikjedi baġit adegwat;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota bi tħassib li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2020 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 78,42 %, li meta mqabbla mal-2019 tirrappreżenta tnaqqis ta' 21,42 %; jinnota bi tħassib li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet baxxa ħafna flivell ta' 43,84 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 25,30 % meta mqabbla ma' dik tal-2019;
2. Jinnota l-kumment tal-Qorti li, għall-ippjanar finanzjarju tal-operazzjonijiet ta' ritorn tagħha, l-Aġenzija tiddependi mill-istimi pprovdu ti mill-pajjiżi li kkooperaw u li d-disponibbiltà sħiħa u f'waqtha ta' din l-informazzjoni hija kruċjali; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li fl-2020 f'każ wieħed, awtorità nazzjonali inkludiet żewġ operazzjonijiet ta' ritorn mhux imħabbra qabel, li jammontaw għal EUR 355 000, fi ftehim ta' għotja fl-għeluq finanzjarju tal-azzjoni, li jirriżulta f'defiċit baġitarju f'daqqa

¹ ĠU C 143, 30.4.2020, p. 6.

għall-Aġenzija, li ġiegħel lill-Aġenzija taġmel impenn baġitarju ex post, bi ksur tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija; jirrikonoxxi d-dipendenza tal-Aġenzija mill-pajjiżi li kkooperaw u jistieden lill-Aġenzija tkun aktar stretta fl-istabbiliment u fl-infurzar ta' standards relatati mal-kompletezza u mal-puntwalità għar-riċevuta ta' informazzjoni relatata mal-ippjanar finanzjarju tal-operazzjonijiet, inklużi l-operazzjonijiet ta' ritorn;

3. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-kontribuzzjoni tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen (SACs) hija sottovalutata, peress li kienet tirrappreżenta 6,91 % tal-baġit inizjali tal-Aġenzija, filwaqt li din kellha tkun ta' 7,43 %, mingħajr ma tiġi sopravvalutata l-kontribuzzjoni tal-Unjoni peress li hija bbaġitjata irrispettivament mill-parteċipazzjoni tal-SACs; itenni l-osservazzjoni tal-Qorti li din hija indikazzjoni tal-ħtieġa ta' gwida addizzjonali mill-Kummissjoni lill-korpi tal-Unjoni dwar kif il-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE għandhom jiġu kkalkulati b'mod konsistenti;
4. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-pandemija affettwat l-operazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija fl-2020, bl-Aġenzija tnaqqas il-baġit inizjali taġħha b'EUR 95 000 000, permezz ta' żewġ baġits emendatorji; jinnota li impenn baġitarju proviżorju ta' EUR 18 100 000 għat-tnejn ta' skjeramenti fuq il-post fl-2021 ġie riportat mingħajr ma l-Aġenzija daħlet f'impjenji legali fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija; jinnota li l-Aġenzija tirrikonoxxi l-osservazzjoni filwaqt li taħdem fuq miżuri ta' rimedju għall-prevenzjoni ta' okkorrenza futura;
5. Ifakkar fl-osservazzjonijiet tal-awtorità ta' kwittanza dwar l-applikazzjoni tal-approċċ tal-kost unitarju għall-mobilizzazzjoni ta' taġmir tekniku tqil u jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati tal-kuntatti ssuġġeriti mal-Qorti u mal-Kummissjoni biex issolvi l-kwistjoni tan-nuqqas ta' evidenza ta' sostenn;

Prestazzjoni

6. Jinnota li l-Aġenzija tuża ċerti miżuri bħala indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-attivitajiet taġħha, adottati mill-bord maniġerjali tal-Aġenzija, li jirriżultaw mid-dokument ta' programmazzjoni uniku 2020-2022; jinnota b'mod partikolari l-KPIs dwar ir-rata ta' postijiet vakanti, id-disponibbiltà u l-adeqwatezza tal-gruppi tar-riżorsi umani, id-disponibbiltà ta' taġmir tekniku għall-missjoni tal-Aġenzija u s-sejbiet ta' qsim illegali tal-fruntieri;
7. Jinnota li l-Aġenzija implimentat żewġ interventi rapidi fil-fruntieri fuq il-fruntieri esterni tal-art u marittimi tal-Greċja mat-Turkija li kienu jirrikjedu l-mobilizzazzjoni ta' taġmir tekniku mill-gruppi ta' taġmir u taġmir tekniku ta' reazzjoni rapida, kif ukoll riżorsi umani;
8. Jinnota li fl-2020 is-servizzi tal-inġenji tal-ajru ta' sorveljanza tal-Aġenzija wettqu total ta' 1 068 missjoni li minnhom 1030 kienu titjiriet ta' sorveljanza u 38 kienu relatati mal-kontroll tas-sajd;
9. Jinnota li l-assi tal-Aġenzija f'operazzjonijiet marittimi għenu biex jiġu salvati aktar minn 3 408 migranti matul attivitajiet ta' pattuljar, li rriżultaw ukoll fl-identifikazzjoni ta' 790 faċilitatur, erba' traffikanti tal-bnedmin u varjetà wiesgħa ta' tipi oħra ta' reati

transfruntiera, bħall-kuntrabandu ta' oġġetti u sustanzi illegali (1 463 litru ta' alkoħol, 4 013-il biċċa munizzjon, madwar 361 kilogramma ta' kokaina, aktar minn 144 tunnellata ta' ħaxixa u marijuana, u 40 kilogramma ta' eroina);

10. Jinnota li l-operazzjonijiet ta' ritorn tal-Aġenzija, minkejja li huma affettwati mir-restrizzjonijiet tal-pandemija tal-COVID-19, komplew b'21 Stat Membru li ħadu sehem bħala organizzaturi jew parteċipanti f'operazzjonijiet ta' ritorn permezz ta' titjiriet charter ikkoordinati u kkofinanzjati mill-Aġenzija, b'ammont kumplessiv ta' 7952 persuna mġhoddija, li laħqu 28 pajjiż terz ta' ritorn, numri sinifikament aktar baxxi milli fl-2019; jinnota li r-ritorni volontarji kienu jammontaw għal 18 % tat-titjiriet kollha appoġġjati; jinnota li 26 Stat Membru wettqu ritorni permezz ta' titjiriet skedati bl-appoġġ tal-Aġenzija, u rritornaw 3981 ċittadin ta' pajjiż terz lejn 83 pajjiż ta' ritorn, b'fost dawn il-persuni rimpatrijati jkun hemm 2173 (55 %) minnhom mingħajr skorta u 1532 (38 %) li rritornaw b'mod volontarju;
11. Jinnota li l-attivitajiet tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali (FRO) tal-Aġenzija kienu mxekkla mir-restrizzjonijiet ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari r-rwol tiegħu ta' monitoraġġ fuq il-post taż-żoni operazzjonali tal-Aġenzija minħabba restrizzjonijiet ġenerali fuq l-ivvjaġġar u l-għeluq tal-fruntieri tal-Unjoni; jinnota li l-monitoraġġ twettaq esklużivament permezz taż-żamma ta' kuntatti mad-diviżjoni tar-rispons operazzjonali tal-Aġenzija u d-diviżjoni tal-għarfien u l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni, l-aċċess għal briefings ipprovduti lil uffiċjali skjerati u rapporti li deħlin, il-ġbir ta' informazzjoni mill-media, il-kooperazzjoni mal-forum konsultattiv u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra; jinnota li l-FRO formalment irreġistra għaxar rapporti ta' inċidenti serji (SIRs) bi tliet rapporti finali tal-FRO maħruġa li jagħlqu l-SIRs u tlieta oħra kkunsidrati magħluqa sakemm jiġu ppubblikati r-rapporti tal-FRO; jinnota li l-SIRs ikkonċernati jinvolvu allegat ksur ta' drittijiet fundamentali matul l-attivitajiet operazzjonali, inklużi l-operazzjonijiet ta' ritorn, ikkoordinati mill-Aġenzija (jiġifieri relatati mal-persunal tal-Istati Membri u tal-Aġenzija);

Politika dwar il-persunal

12. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li, fil-31 ta' Diċembru 2020, 63,01 % tat-tabella tal-persunal kienet ġiet eżegwita, b'662 aġent temporanju maħtura minn total ta' 1 050 aġent temporanju awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 484 post tax-xogħol awtorizzati fl-2019); jinnota li, barra minn hekk, 387 aġent kuntrattwali u 185 espert nazzjonali sekondat ħadmu għall-Aġenzija (b'730 aġent kuntrattwali u 220 espert nazzjonali sekondat awtorizzati għall-Aġenzija fl-2020);
13. Ifakkar fit-tħassib tal-awtorità ta' kwittanza dwar ir-reklutaġġ tal-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Aġenzija fil-gradni xierqa; jistieden lill-Aġenzija tlesti malajr il-proċeduri ta' reklutaġġ li għaddejjin u taħdem biex il-ħidma tal-FRO tiġi inkluża fil-proċeduri operazzjonali tal-Aġenzija;
14. Ifakkar li l-koeffiċjent ta' korrezzjoni għall-persunal f'Varsavja, il-Polonja kien ta' 70,09 għall-2020; jirrikonoxxi li salarji aktar baxxi jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-applikanti Ewropej, u jistgħu jikkontribwixxu għad-diffikultajiet ġenerali tal-Frontex fir-reklutaġġ;

15. Jinnota l-bilanċ bejn il-ġeneri rrapportat għall-2020 fil-livell ta' maniġment superjuri bi 15-il raġel (75 %) u 5 nisa (25 %), fil-livell tal-bord maniġerjali b'50 raġel (83,3 %) u 10 nisa (16,7 %), u għall-persunal ġenerali tal-Aġenzija, bi 870 raġel (70,5 %) u 364 mara (29,5 %);
16. Ifakkar li fl-2019 l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi fetaħ investigazzjoni li tinvolvi lill-Aġenzija; itenni t-talba tiegħu lill-Aġenzija biex tikkoopera bis-sħiħ mal-OLAF u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar kwalunkwe żvilupp li huwa rilevanti għall-proċedura ta' kwittanza;
17. Jinnota mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Parlament li fl-2020 b'kolloxx ġew irrapportati 17-il każ ta' fastidju lill-entitajiet kompetenti tal-Aġenzija; jistieden lill-Aġenzija tivvaluta bir-reqqa kull każ, filwaqt li tiegħu approċċ ta' tolleranza zero għall-fastidju psikoloġiku jew sesswali; jilqa' t-taħriġ li rċevew il-konsulenti kunfidenzjali u l-azzjonijiet meħuda biex issir sensibilizzazzjoni fost il-persunal u biex il-persunal jiġi infurmat dwar il-konsulenti kunfidenzjali; jilqa' s-sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni online għall-maniġers eżekuttivi, superjuri u medji u għall-mexxejja tat-timijiet, u li ġew organizzati sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni ddedikati lill-membri tal-persunal li rreġistraw għal tali sessjonijiet;

Akkwist

18. Jinnota li fl-2020 l-Aġenzija nediet 23 offerta miftuħa, b'ħamsa li rriżultaw f'kuntratti ffirmati għal valur totali ta' EUR 9 309 000,00, u 18 minnhom għadhom għaddejnin, b'valur totali ta' EUR 153 294 000,00; jinnota wkoll li l-Aġenzija nediet 30 proċedura ta' valur baxx u medju (innegożjati ma' tliet u ħames kandidati) b'valur totali ta' EUR 2 764 706,46, b'fost dawn it-30 proċedura, 21 minnhom li rriżultaw f'kuntratti ffirmati fl-2020 għal valur totali ta' EUR 1 992 904,00, filwaqt li disgħa minn dawn għadhom għaddejnin, għal valur totali ta' EUR 771 802,46; jinnota wkoll li fl-2020 l-Aġenzija ttrattat 213-il proċedura ta' valur baxx ħafna (innegożjati ma' kandidat wieħed) għal valur totali ta' EUR 1 347 649,76; jinnota fl-aħħar nett li fl-2020 ġew ittrattati 776 proċedura taħt kuntratti qafas eżistenti għal valur totali ta' EUR 91 451 075,83 b'696 li rriżultaw f'kuntratti speċifiċi ffirmati jew f'formoli ta' ordnijiet, b'valur totali ta' EUR 80 895 932,89, filwaqt li 80 minnhom għal valur totali ta' EUR 10 555 142,94 għadhom għaddejnin;
19. Jinnota li l-Aġenzija mexxiet l-offerta interistituzzjonali għax-xiri ta' tagħmir protettiv personali ma' madwar 50 istituzzjoni, aġenzija u korpi oħra tal-Unjoni li pparteċipaw u valur totali ta' EUR 60 580 000,00;
20. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija introduċiet linji gwida għall-akkwist ekoloġiku għas-servizzi tat-tindif u tal-kantin u għall-kunsinna tal-għamara; iħeġġeġ lill-Aġenzija tevalwa l-esperjenza bl-akkwist ekoloġiku u taqsamha man-Network tal-Aġenziji tal-UE, u, fejn xieraq, testendi l-ambitu tal-akkwist ekoloġiku fl-Aġenzija;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza;

21. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li mhux is-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-membri kollha tal-bord maniġerjali huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Aġenzija, b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-President u tal-Viċi President tal-bord

manigjerali; jistieden lill-Aġenzija, bil-għan li żżid it-trasparenza, tippubblika s-CVs u d-dikjarazzjonijiet ta' interess neqsin fuq is-sit web tagħha u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda f'dak ir-rigward;

22. Ifakkar fil-kummenti tal-awtorità ta' kwittanza fil-kwittanza tal-2019 rigward it-trasparenza u r-rappreżentanza tal-interessi għall-Aġenzija; jinnota li l-Aġenzija implimentat proċess ġdid biex iżżid it-trasparenza u l-opportunitajiet indaqs billi tissimplifika d-djalogi tal-industrija; jinnota li l-laqgħat kollha tal-industrija (jiem i) ġew organizzati online bil-preżentazzjoni ta' aktar minn 60 soluzzjoni minn 50 kumpanija, bil-parteċipazzjoni ta' 430 rappreżentant tal-Aġenzija, tal-Istati Membri u tas-sħab tal-Unjoni, kif ukoll ta' organizzazzjonijiet internazzjonali; jinnota li l-Aġenzija, minbarra l-jiem i, organizzat dimostrazzjoni online ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi rilevanti għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' dħul u ħruġ eżatt wara l-Konferenza Internazzjonali dwar il-Bijometrika għall-Fruntieri, li wriet aktar minn 100 soluzzjoni, bi 23 preżentazzjoni tal-industrija lil aktar minn 470 parteċipant fil-konferenza; jistieden lill-Aġenzija tikkonforma mal-ogħla standards fir-rigward tat-trasparenza u żżomm ir-reġistru tat-trasparenza online tagħha aġġornat;

Kontroll intern

23. Jinnota l-valutazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern imwettqa mill-Aġenzija fl-2020, li kkonkludiet li, għalkemm is-sistema titqies bħala kumplessivament effettiva, hemm bżonn ta' xi titjib; jinnota li dan huwa relatat b'mod partikolari mal-prinċipji ta' kontroll intern 10 (attivitajiet ta' kontroll), 15 (komunikazzjoni mal-partijiet esterni dwar kwistjonijiet li jaffettwaw il-kontroll intern) u 16 (valutazzjoni annwali u kontinwa tas-sistema ta' kontroll intern); jistieden lill-Aġenzija tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Qorti fil-valutazzjoni annwali tas-sistema ta' kontroll intern; jinnota li l-Aġenzija fformulat pjan ta' azzjoni biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati u li hija impenjata biex timplimenta b'mod rapidu l-azzjonijiet; jistieden lill-Aġenzija żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress li jkun sar;
24. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-Aġenzija naqset milli tirreġistra nota ta' eċċezzjoni fir-reġistru ċentrali għall-eċċezzjonijiet; jistieden lill-Aġenzija żżomm l-istandards għoljin tagħha ta' trasparenza u reġistrazzjoni f'waqtha u sħiħa tal-eċċezzjonijiet u tal-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità u d-dokumentazzjoni sottostanti tagħhom;
25. Jinnota s-sejba tal-Qorti li fl-1 ta' Settembru 2020, l-Aġenzija talbet permess lill-Kummissjoni biex 100 post AST jinbidlu f'postijiet flivell avanzat (grad AD 7 jew ogħla), għall-korp permanenti u għal kompiti ġodda taħt il-mandat il-ġdid; jinnota li l-Aġenzija, b'antiċipazzjoni għat-tweġiba tal-Kummissjoni, fid-9 ta' Settembru 2020, baġtet 47 offerta lil kandidati ta' livell avanzat bil-Kummissjoni tinforma lill-Aġenzija li ma kellha l-ebda awtorità legali biex ittejjeb il-postijiet, u dan wassal biex l-Aġenzija tirtira minnufih s-47 offerta ta' impjie; jirrikonoxxi l-azzjonijiet meħuda mill-Aġenzija biex tikseb iċ-ċarezza meħtieġa dwar it-tabella tal-persunal tagħha mill-Kummissjoni u n-natura urġenti tar-reklutaġġi meħtieġa; jistieden lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni jtejbu l-komunikazzjoni tagħhom, jallinjaw aktar mill-qrib l-azzjonijiet tal-Aġenzija mal-proċessi tat-teħid tad-deċizzjonijiet tal-Kummissjoni biex jiġi evitat li tali sitwazzjonijiet jerġgħu jseħħu;

Rispons għall-COVID-19 u kontinwità tal-operat

26. Jinnota l-istabbiliment ta' ċellola ta' kriżi fi ħdan l-Aġenzija li appoġġjat il-maniġment eżekuttiv tagħha matul il-pandemija tal-COVID-19, billi pprovdiet appoġġ għall-kontinwità tal-operat, żgurat is-saħħa, is-sikurezza u l-benesseri tal-persunal, u mminimizzat it-tfixkil fl-operazzjonijiet tal-Aġenzija; jinnota li ċ-ċellola ta' kriżi ngħatat is-setgħa b'allokazzjoni temporanja tal-funzjonijiet u tal-persunal minn entitajiet madwar l-Aġenzija biex tiġi żgurata ġestjoni effiċjenti u sostenibbli tal-proċessi u tal-kompiti;
27. Jinnota li l-Aġenzija abbozzat linji gwida speċifiċi dwar it-telexoġhol matul il-pandemija tal-COVID-19 kif ukoll strateġija ta' ħruġ; jinnota li, biex jiġi ffaċilitat it-telexoġhol u jingħata kontribut għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xoġhol xierqa għall-persunal, il-persunal kollu, kif ukoll il-persunal estern f'każ ta' ħtiġijiet kummerċjali ġustifikati, tħallew jieħdu d-dar ċertu tagħmir tal-uffiċċju u tal-ICT li normalment jużaw fl-uffiċċju bi proċedura interna żviluppata biex jiġi żgurat il-kontroll fuq it-tagħmir u għbir ordnat mill-bini;
28. Jinnota r-rapport tal-Aġenzija li tnieda fluss tax-xoġhol ġdid mingħajr karti għall-proċessi finanzjarji u ta' akkwist, inklużi għodod ta' implimentazzjoni ġodda, bħall-interpretazzjoni online; jinnota l-kumment tal-Aġenzija li l-impatt tal-pandemija f'xi każijiet jista' jkun pożittiv, peress li aċċellerat innovazzjonijiet tant meħtieġa u ssimplifikat xi proċeduri;
29. Jinnota li l-pjan ta' taħriġ tal-Aġenzija ġie affettwat b'mod sinifikanti mill-pandemija, b'restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar imposti mill-Istati Membri u mill-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen li jwasslu għan-nuqqas ta' disponibbiltà kemm ta' ħarrieġa kif ukoll ta' postijiet ta' taħriġ, kif ukoll għal possibbiltà ristretta ta' vvjaġġar lejn is-siti ta' taħriġ; jinnota l-isforzi tal-Aġenzija biex tiżgura l-kontinwità tal-operat billi tfassal mill-ġdid il-proċess kollu tat-taħriġ, aġġustat għall-apprendiment mill-bogħod;

Kummenti oħra

30. Ifakkar fil-kundizzjonijiet tal-awtorità ta' kwittanza fit-tieni rapport ta' kwittanza tal-Aġenzija għall-2019 għar-rilaxx ta' riżerva baġitarja; jinnota li r-riżerva ma nħolqitx fil-baġit tal-Aġenzija għall-2022; jistieden, madankollu, lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li jkun sar b'rabta mas-sitt kundizzjonijiet ifformulati mill-awtorità ta' kwittanza;
31. Jinnota li l-Ombudsman Ewropew ittrattat 13-il każ li għandhom x'jaqsmu mal-Aġenzija, sitta dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti, sitta dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani u wieħed relatat mad-drittijiet fundamentali; jinnota li l-Ombudsman ma pprovdietx rakkomandazzjonijiet f'sitt każijiet, li l-implimentazzjoni ta' erba' rakkomandazzjonijiet għadha għaddejjja u li fi tliet każijiet ir-rakkomandazzjoni diġà ġiet implimentata;

o

o o

32. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċizzjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu ta' [...] 2022² dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

² Testi adottati, P9_TA(2022)0000.